# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Kawza Nru: 24/07**

**Il-Pulizija (Spettur Frank Tabone)**

**Vs**

**Kheyre Heybe Mohamed**

Illum, 29 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Kheyre Heybe Mohamed**, ta' 26 sena, imwieled Somalia fil-15 ta' Mejju 1970, iben Heybe u Ibado nee` Ayanle, residenti 32, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 111598(A) u bin-numru tal-Pulizija 131047;

a) Akkuzat talli fil-25 ta' Marzu 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r- raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Magistrat C Vella nhar il-25 ta' Awissu 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat illi l-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l-Qorti tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 91) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2017, l-akkuzat ammetta ghat-talbiet kollha kif dedotti.

Rat illi l-prosekuzzjoni iddikjarat illi l-prodott elevat minn fuq l-akkuzat, ossija r-raza mehudha mill-pjanta Cannabis kellha piz ta' 3.803 grammi.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Rat illi, wara illi tat zmien lill-akkuzat sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, anke wara illi kkonsulta mal-konsulent legali tieghu kif ukoll ma' l-interpretu, l-akkuzat reggha ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti, ghalhekk,

Wara illi gharrfet lill-akkuzat bil-gravita' ta' l-ammissjoni tieghu, in vista ta' tali ammissjoni,

Wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qieghda tikkundannah ghall- hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl- atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna lill-akkuzat ihallas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Tordna r-rilaxx favur il-hati tal-mobile phone formanti parti mid-Dokument FT3.

**Magistrat Francesco Depasquale**